L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, il-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum il-**Gimgha, 12 ta' Gunju, 2020** fid-9:30am fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr Therese Comodini Cachia, ghall-familja.

Dehru Dr. Peter Caruana Galizia u Matthew Caruana Galizia.

Deher Dr. Christian Falzon Scerri bhala Avukat tal-Istat.

Il-Bord iddiskuta l-andament ta' din l-inkjesta flimkien mal-Avukati tal-familja u fil-presenza tal-Avukat tal-Istat. Fost il-mizuri illi ser jittiehdu l-Bord ser jitlob lill-Qorti tal-Magistrati koncernati sabiex fejn hu possibbli jinghata kopja legali tax-xhieda rilevanti fosthom dik ta' Melvin Theuma moghtija fl-atti tal-kumpilazzjoni "Il-Pulizija vs Yorgen Fenech" u anke dik li ghadha qed tinghata nkluz ix-xhieda li qed tinghata fil-maghluq.

**Matthew Caruana Galizia** xehed bil-gurament u bil-lingwa Ingliza. (esebixxa Dok MCG).

Il-Bord qed jiddiferixxi l-inkjesta ghal nhar it-Tnejn, 15 ta' Gunju 2020 fis-2.00 p.m. sabiex jixhed Dr. Michael Grech u fit-3.00 p.m. sabiex jixhed l-Assistent Kummissarju Carmelo Magri.

Rita Falzon
Bord tal-Inkjesta